*ikun fiha siwi. Inħalli għalikom taraw jekk dan l-għadd hux kif qegħdin ngħidu aħna, imħawwar u mimli daqs bajda b'kitba li terfa' l-Malti mill-medjokrità li dejjem għajruh biha.*

*F'din il-ħarġa, għandna n-novella "In-Naska" ta' Frans Sammut. Naħseb li Sammut m'għandux bżonn tifħir f'din il-kolonna għax kulħadd jafu bħala wieħed mill-isħaħ plieri fil-kitba tal-proża. Madankollu wieħed ma jistax ma jgħidx li din in-novella tissodisfa l-aspetti kollha tan-novella kif nafuha fil-Malti, jew tan-novella fit-Taljan, tal-conte, u n-nouvelle Franċiż, tax-short Ingliża.*

*Għandna wkoll poeżija ta' Ġorġ Żammit jisimha "Osanna". Bħal dik li konna ppublikajna fl-għadd ta' qabel, din hija waħda mill-poeżiji postumi ta' Ġorġ Żammit. Dan jixhed li l-ġieħ lill-awturi stabbiliti qed nagħtuhulhom mhux biss f'ħajjithom iżda wkoll wara mewthom, billi nxandru kitbiet li ma laħqux ippubblikaw f'ħajjithom.*

*Imbagħad għandna xogħlijiet ta' poeti kontemporanji li huma stabbiliti bħal Ġorġ Borġ, Lillian Sciberras, Doreen Micallef u Albert Marshall li, għal min għadu ma jafx, reġa' lura magħna mill-Awstralja, u qed jissokta fil-ħidma tiegħu favur il-Malti, bħala kap tax-Xandir fir-Radju ta' l-Università, fejn nixtiqulu suċċess.*

*Irridu wkoll niftħu l-bibien anke għal awturi li għalkemm m'humiex daqstant magħrufa huwa xieraq li wieħed ixandar isimhom. Dan huwa l-każ tal-poeta Carmel Calleja li diġa' ħareġ għad-dawl ġabra ta' poeżiji msejħa "Karovana".*

*Ta' Ġorġ Peresso, xandar kreattiv u kittieb tajjeb ta' proża u poeżija, għandna studju dwar San Ġwann Tas-Salib. Ma tistax il-letteratura Maltija tistagħna jekk ma nżommux quddiem għajnejna awturi barranin li kellhom influwenza qawwija fuq il-letteratura internazzjonali.*

*Ta' Daniel Massa għandna s-saġġ kritiku dwar "Ħmura tas-Silla" ta' Lino Spiteri. Il-kitba kritika ta' Massa mhix xi ħaġa li taqraha bil-ġiri bħala passatemp għaliex fiha profondità ta' ħsieb u ħila analitika mill-aqwa. M'hemmx dubju li isem Daniel Massa għad jibqa' marbut mal-kritika daqskemm mal-poeżija.*

*Għaldaqstant, wara li qanqalt l-aptit tal-qarrejja ta' din ir-rivista, ma baqagħli xejn xi nżid ħlief li nirrepeti l-famuża frażi "Ħu f'idejk u aqra".*

**WERREJ**


EDITORJAL i

FRANS SAMMUT
*In-Naska* 1

ĠORĠ ŻAMMIT
*Osanna* 9

CARMEL CALLEJA
*Ewnuki* 10
*Is-Sewwa* 10
*Sagrifiċċju* 10
*Talba* 11
*Ilma* 11
*Fir-Raqda Ħadra* 11

ĠORĠ BORĠ
*Arzella ċkejkna* 12
*Niġi Lura* 12

DOREEN MICALLEF C.
*Dal-ġranet twal minghajrek ... philip* 13

ALBERT MARSHALL
*Imramma* 14

ĠORĠ PERESSO
*S. Ġwann tas-Salib* 15

LILLIAN SCIBERRAS
*Raqdet il-Belt* 18

DANIEL MASSA
*Saġġ dwar "Mal-Ħmura tas-Silla" ta' Lino Spiteri* 19




# In-Naska

FRANS SAMMUT

KIENU ltaqgħu għal lezzjonijiet ta' fil-għaxija. Kienet donnha xammitu qed iħares lejha, ħallietu jwarrab ħarstu minn fuqha, ħarsitlu hi u nġibdet lejh. Ma tafx sew għaliex. Sabiħ ma kienx. Kien ismar imdaħħan, imġissem, ikbar minnha biċċa sew u fuq kollox kellu deħra goffa u leħnu aħrax. Imma kienet inġibdet lejh minkejja kollox. L-aktar għax hu kien jidher miġbud lejha wkoll; kieku ma kienx hekk ma kienx jagħtiha dak il-ħars fit-tul. Hi qatt ma stenniet wisq mill-irġiel. Li raġel, ikun ta' liema xorta jkun, iħares lejha b'dak il-mod kienet tgħoddu kumpliment.

Għall-ewwel kienet aktar kurżità li ħasset. Riedet issib x'ralha, għalfejn jagħtiha dik il-ħarsa li tfisser ħafna. Raġel ta' l-għomor tiegħu bilfors li kien sar jaf għadd ġmielu ta' nisa ... la qagħad iħarsilha bilfors li kien fiha x'tara. Kienet f'burdata ta' avventura u ġieli tħossha wkoll weħidha. Kienet bdiet tmur għal-lezzjonijiet għax l-għarus jibqa' x-xogħol bis-sahra—kienu jeħtieġu bosta flus biex jibnu u jiżżewġu—u kienet tiddejjaq weħidha, ma tafx x'se taqbad tagħmel fil-għaxija.

Wara l-lezzjoni stedinha jwassalha d-dar bil-karozza u hi laqgħet l-istedina donnha f'ħolma. Huma u sejrin tkellmu fit-tul u baqgħu jitkellmu saħansitra wara li waslu. Sabet li, kif kienet basret, kien jaf jitkellem fuq bosta ħwejjeġ. Imqar jekk kien goff, kien jaf xi jgħid. Ma sogħob biha xejn li ħallietu jwassalha u d-darba ta' wara mxiet miegħu 'l barra bla ma kellu għalfejn jistedinha. Twebblet li xejn ħażin ma kien se joħroġ minn dil-ħbiberija, l-ewwelnett għax hi tfajla soda u t-tieni għax hu wkoll deher li kellu rażan kbir fuqu nnifsu.

Din li jwassalha sa ftit 'il bogħod mid-dar ħaduha drawwa. Iżda hu baqa' ma saqsieha xejn fuqha nnifisha. Donnu ma kienx imxennaq biex isir jaf fuqha aktar milli kien miklub biex ikellimha fuqu nnifsu. Damet żmien ma qaltlu li kienet għarusa u li fejn kien iwassalha ma kienx qrib id-dar tagħha, iżda qrib dar l-għarus u li xħin jitlaq hu, hi ddur mal-kantuniera u tmur tiltaqa' ma l-għarus li s'issa jkun wasal lura d-dar mix-xogħol.

Ma kienet ħasset li qed tagħmel xejn ħażin. L-aktar billi hu baqa' ma għamel l-ebda ċaqliqa li minħabba fiha togħkorha għajnha minnu. Iżda mbagħad bdiet tħoss li ftit ftit qiegħed iġegħelha tinteressa ruħha fih, x'aktarx iżjed milli kien fi ħsiebha tagħmel hi fil-bidu. Donnu t-tagħrif li kien jagħtiha fuq il-ħwejjeġ li jitkellmu fuqhom, il-kotba, il-mużika, il-